# L-Iskultur Mariano Girada (1771-1823):
## *Ħajtu, Ħidmietu, u Raħalna*

**minn A. Mangion Lic.D., M.A. (Sheffield)**

*Wara li s-sena li għaddiet konna tkellimna dwar il-ġrajja ta' kif il-Knisja taż-Żurrieq kienet ikkummissjonat il-vara artistika tal-Patruna Tagħna Santa Katarina, u tennejna l-istorja tal-wasla tagħha fostna fl-1818, huwa xieraq li f'din is-sena ċentenarja (1818-2018) indawwru ħarsitna lejn Mariano Girada, l-iskultur li ħadem din l-opra tassew artistika.*

### It-Tagħrif dwar Mariano Girada

L-ewwel sorsi li, fis-seklu dsatax, iwasslulna ħjiel ħafif dwar Mariano Girada (kif hu dejjem iffirma kunjomu) huma l-kitbiet tal-istoriċi l-Kanonku Ignazio Panzavecchia, Achille Ferres, Pietru Pawl Castagna, u Giovanni Faure'. L-iskultur Girada ġie ttrattat ukoll, b'mod ġeneriku mill-istudjużi tal-arti Stefano Zerafa, Giuseppe Calleja, Vincenzo Bonello u Edward Sammut. Aktar qribna, l-interess lejn Girada u ħidmietu kompla ssaħħaħ grazzi għall-kitba riċerkata tan-Nutar Eugene F. Montanaro li bis-saħħa ta' dokumenti oriġinali ħallilna l-ewwel bijografija serja dwar dan l-iskultur. Iżda l-aqwa xogħol ta' riċerka li sar s'issa dwar Mariano Girada hija t-teżi għall-M.A. fl-Istorja tal-Arti, li kienet ippreżentata fl-2007 minn Sandro Debono, illum Kuratur tal-Mużew Nazzjonali tal-Arti, fl-Università ta' Malta bit-titolu *Mariano Girada (1771-1823):Maltese art and Spain, 1750-1830*. L-istudju estensiv ta' Debono dwar ħajjet u ħidmet l-iskultur Girada huwa msensel fuq għadd kbir ta' dokumenti, frott ta' riċerka li l-awtur għamel fl-arkivji ta' Malta u Spanja; studju li poġġa lil Girada fil-post li jixraqlu bħala protagonist fl-iżvilupp tal-iskultura f'Malta, u surmast li l-influwenza tiegħu għaddiet fuq l-alljievi tal-*bottega*, l-iskulturi Pietru Pawl Azzopardi, Xandru Farrugia, u Salvatore Psaila. Flimkien ma' din ir-riċerka ġdida dwar Mariano Girada iridu jingħadu wkoll l-għadd ta' studji speċjalizzati minn riċerkaturi bħal Patri Martin Borg, Karmenu Bonavia, Patri Alessandru Bonnici, Victor Caruana, u Anthony Mangion li lkoll xeħtu dawl importanti fuq xogħlijiet speċifiċi ta' dan l-iskultur. Kien per eżempju bis-saħħa ta' dan tal-aħħar, illi fl-1989 ġie ppublikat għall-ewwel darba tagħrif estensiv, bażat fuq dokumenti oriġinali, dwar il-vara ta' Santa Katarina taż-Żurrieq. Dan it-tagħrif mhux biss kien jinkludi il-kuntratt oriġinali, iżda wkoll il-finanzjament ta' din l-opra, l-iżvilupp tal-kummissjoni, u t-tirqim li sar fuq l-istess vara matul iż-żmienijiet. Fl-aħħar nett ta' min isemmi wkoll il-publikazzjoni riċenti tas-Sinjuri Stanley Mangion u Christopher Magro *L-Iskulturi Maltin tal-Iskola Spanjola* (2013) li tanalizza lill-Mariano Girada bħala l-imgħallem ta' skola li minnha ħarġu skulturi kbar li ħallewlna opri mill-isbaħ fil-knejjes tagħna.

### Familja ta' Negozjanti

Mariano Girada twieled f'Ħal Tarxien nhar it-22 t'Awwissu 1771, fl-aħħar żmien tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta, u kien ir-raba' wild tal-koppja Antonio Girada u Teresa imwielda Mifsud. Huwa ġie mgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Marija Annunzjata mill-Kappillan Dun Ġużepp Psaila dak in-nhar stess li twieled, kif kienet id-drawwa ta' dak iż-żmien. Ġie mogħti l-ismijiet ta' Ignazio, Maurizio, Luigi, u Carmelo, iżda kif kien jiġri ħafna drabi f'dak is-seklu, it-tifel beda jissejjaħ dejjem bit-tieni isem tiegħu ta' Maruzzo li biż-żmien, minħabba s-safar f'art barranija, kellu jinbidel f'Mariano. It-tliet subien li twieldu qabel Maruzzo kienu Ġużeppi (1762), Marius (1766) li miet ta' erba' snin fl-1770, u Mikielanġ (1769) li wkoll miet ta' ftit xhur is-sena ta' wara. Wara Maruzzo il-koppja Girada kellha mbagħad żewġ subien oħra. L-ewwel wieħed, li kien magħruf bit-tieni isem tiegħu ta' Giovanni, twieled fl-1775; filwaqt li l-ieħor, imwieled fl-1777 kien ukoll magħruf bit-tieni isem tiegħu ta' Salvatore. Mill-erba' wlied ta' din il-familja li baqgħu ħajjin u kibru, Giovanni għażel it-triq tas-saċerdozju u miet fi Spanja fl-1827, filwaqt li Ġużeppi u Salvatore segwew karriera ta' negozju regolari ma' Spanja fejn ukoll mietu; Ġużeppi fl-1812 u Salvatore fl-1831.

Il-familja li fi ħdana twieled Mariano Girada kienet waħda mdaħħla sewwa fin-negozju bil-baħar ma' Spanja, speċjalment mal-bliet ta' Valenzja, Alicante, u Segorbe fejn il-missier, Antonio Girada, jidher li kien ko-propjetarju ta' dar li kienet ilha fil-familja żgur sa mis-sena 1785, u fejn hu kellu sehem ewlieni f'negozju li kien ġej minn żmien missieru. Minħabba dan in-negozju tal-familja ma' Spanja, missier Mariano Girada flimkien ma' wliedu kien ikun ta' spiss nieqes minn Malta, u hemm probabilta' li hu wkoll miet fi Spanja. In-negozju tal-familja Girada ma' Spanja jidher li kien mifrux ġmielu bejn il-missier, l-aħwa, u nannuhom, u kien jikkonsisti f'xiri u bejgħ ta' merkanzija, inkluż il-qoton, permezz ta' brigantini li kienu jbaħħru fuq rotot regolari bejn portijiet fil-Mediterran. F'din l-attività kummerċjali kienu jsiru wkoll transazzjonijiet ta' self ta' somom kbar ta' flus biex tinxtara l-merkanzija u jitħaddem in-negozju, kif ukoll ħlas lura ta' dawn il-kapitali, kif jixdhu bosta kuntratti tal-epoka li jixħtu dawl fuq din it-tip ta' attività. Dan il-finanzjament kien jgħin biex isiru spedizzjonijiet regolari lejn bliet fin-nofsinhar ta' Spanja bħal Valenzja, Cadiz, Cartagena, Malaga, u Alicante, fejn l-imprendituri Maltin, bħal

familja Girada, kienu jbiegħu tessuti, qoton, u ħwejjeġ oħra li huma jkunu tellgħu minn Malta jew xtraw minn portijiet oħra fil-Mediterran bħal Messina, Napli, u Civitavecchia.

Jidher ukoll illi minħabba liġijiet li ddaħħlu fi Spanja fl-1771, u li kienu għamluha obbligatorja li n-negozjanti Maltin jakkwistaw ċittadinanza Spanjola u ma jeżerċitawx aktar l-attività tagħhom fit-toroq iżda biss mill-ħwienet, il-familja Girada kellha tistabbilixxi ruħha fi Spanja fejn maż-żmien spiċċa jgħammar Antonio u wħud minn uliedu. Fil-fatt jidher li kienu biss Mariano Girada u ħuħ il-kbir Ġużeppi li baqgħu joqgħodu Malta, għalkemm dan tal-aħħar ukoll spiċċa miet fi Spanja f'waħda mill-mawriet tiegħu f'dak il-pajjiż. Kien fl-isfond ta' dan in-negozju u tbaħħir regolari li Antonio Girada, missier Mariano, ingħaqad fiż-żwieġ ma' Tereża Mifsud fl-1760. Ħal Tarxien ta' dak iż-żmien, fejn il-koppja kienet tgħix imdawwra bil-qraba, kien għadu biss raħal żgħir ta' madwar elf ruħ, u kien f'dan ir-raħal li Mariano qatta' t-tfulija tiegħu. Ġara però li fl-1780, omm Mariano ħalliet din id-dinja fl-età ta' tmienja u tletin sena, hekk li ta' disa' snin it-tifel safa' ltim minn ommu. Jidher ukoll li peress li l-missier u t-tifel il-kbir kienu spiss qed ikunu msefrin, il-kura tat-tlett aħwa ż-żgħar tal-familja Girada, voldiri Mariano, Giovanni (ħames snin) u Salvatore (tliet snin), aktarx għaddiet f'idejn il-qraba Tarxienizi ġirien tagħhom. Iżda kellu jkun dan is-safar tal-missier lejn Spanja li jiftaħ it-triq ta' karriera artistika għal Mariano, biex dan seta' jitħarreġ u aktar tard jagħmel isem bħala skultur ċelebri.

### Taħriġ fi Spanja

Kien aktarx fl-1783, tliet snin fuq il-mewt ta' ommu, li fl-età ta' tnax il-sena Mariano Girada ħalla Malta għal Spanja. Imbagħad ħames snin wara, fl-1788, jitfaċċaw l-ewwel dokumenti li jindikaw it-taħriġ artistiku tiegħu f'dak il-pajjiż. Il-preżenza tiegħu fi Spanja jingħad li kienet ta' madwar tlettax-il sena, sa ma hu rritorna lura Malta fl-1796, fl-età ta' ħamsa u għoxrin sena. Fi Spanja Mariano Girada qatta' l-apprendistat u t-taħriġ tiegħu fil-ħanut tax-xogħol tal-iskultur magħruf Spanjol Jose' Esteve Bonet (1741-1802) ġewwa Valenzja. Dan l-imgħallem kien tħarreġ taħt l-iskultur magħruf Ignacio Vergara, membru ta' familja distinta ta' artisti Spanjoli tas-seklu tmintax, li bl-isforzi tagħhom, fl-1766, kienet twaqqfet ir-*Real Academia de Bellas Artes de San Carlos*. Aktar tard fiż-żmien, is-surmast ta' Mariano Girada, l-iskultur Esteve Bonet, sar ukoll direttur ta' din l-Akkademja prestiġjuża, u kap tad-dipartiment tal-iskultura fi ħdan l-istess istituzzjoni. Għal ħila tiegħu u x-xogħlijiet li ħoloq, l-iskultur Esteve Bonet kien ingħata t-titolu ta' skultur irjali għar-Re Spanjol Carlos IV. Bla ebda dubju, l-iskultur Esteve kien l-aqwa skultur Spanjol ta' żmienu, b'konnessjonijiet influwenti u bosta opri prestiġjużi li jagħmlulu ġieħ.

Fiż-żmien li Mariano Girada kien qed jitħarreġ fi Spanja, il-kummerċ bejn Malta u dak il-pajjiż beda jiftaħ il-bieb ukoll għall-kuntatti artistiċi, minkejja li l-Barokk Ruman kien jiddomina x-xena lokali u kien l-istil preferit mill-Ordni ta' San Ġwann. In-negozju ma' Spanja speċjalment fl-esportazzjoni tal-qoton Malti, u l-attività ta' tbaħħir regolari permezz ta' brigantini, kien jirrendi qliegħ kbir għall-imprendituri. Din l-attività kellha impatt soċjali qawwi fuq gżiritna speċjalment fuq ċerti nħawi ta' Malta magħrufin għall-produzzjoni tal-qoton, u kienet tinvolvi wkoll għadd kbir ta' baħħara Maltin. Dan il-kummerċ, investiment, u qliegħ ta' flus mhux biss beda jħalli effett ġenerali fuq il-kummissjoni ta' opri fil-knejjes tagħna, iżda beda jwassal ukoll għall-importazzjoni ta' numru ta' opri artistiċi minn Spanja, ħafna drabi rregalati minn diversi mprendituri li kienu jassenjaw parti mill-qliegħ tagħhom għall-akkwist ta' dawn ix-xbiehat devozzjonali. Ħafna minn dawn ix-xogħlijiet irregalati lill-knejjes tagħna kienu jikkonsistu f'kurċifissi u mezzo busti tal-Verġni Addolorata jew tal-Ecce Homo, marbuta lkoll mal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Għaldaqstant huwa mportanti li ninkwadraw lill-Mariano Girada fl-isfond ta' din l-attività artistika kawżata minn kummerċ qawwi li fih il-familja tal-iskultur jidher li kellha sehem attiv.

Meta Girada beda t-taħriġ tiegħu ta' skultur, l-apprendistat kien jikkonsisti f'perijodu ta' erba' snin residenza fl-istess *bottega* tal-imgħallem, flimkien ma' tliet snin oħra jew aktar li fihom l-iskultur seta' imbagħad jeżerċita s-sengħa mal-istess imgħallem. Id-dokumenti li jitkellmu dwar Mariano Girada fil-ħanut tal-iskultur Esteve Bonet jirreferu fost l-oħrajn għall-kollaborazzjoni tiegħu fuq proġett (1788-89) ta' għadd ta' figuri li kellhom iżejnu presepju kbir Naplitan kummissjonat mir-Re futur ta' Spanja, Carlos IV. Minbarra t-taħriġ tiegħu mal-iskultur Jose' Esteve Bonet, Mariano Girada jidher li tħarreġ ukoll fir-*Real Academia de Bellas Artes de San Carlo* li kienet tħaddan fiha l-krema tad-dinja artistika Spanjola. F'din l-Akkademja Girada jissemma bħala rebbieħ ta' diversi premjijiet (*premios mensuales*) għal xogħlijiet fost l-istudenti, li lkoll kemm huma kellhom quddiemhom karriera prestiġjuża.

L-apprendistat u l-istudju li għadda minnu l-iskultur Mariano Girada fi Spanja kien wieħed li ħalla impatt kbir fuq l-artist, b'rifless fuq ix-xogħlijiet li hu kellu jaħdem fi gżiritna. L-influwenza tal-imgħallem, l-iskultur Esteve, fuq Girada tinħass seww fil-kompożizzjoni tal-figuri; filwaqt li d-dekorazzjoni u l-polikromija tax-xogħlijiet ta' Girada hija essenzjalment Valenzjana, u dan b'kuntrast mal-gosti artistiċi li kienu mħaddma f'Malta f'dawk iż-żmienijiet. L-użu tad-deheb fix-xogħlijiet ta' Girada kien imrażżan għall-aħħar u limitat għall-borduri tal-panneġġ. Hawnhekk irridu nifhmu li l-isgraffit ta' disinji folti fil-panneġġ, l-ilwien kontrastanti, u l-indoratura peżanti li naraw llum fil-vari proċessjonali tagħna huma interventi li seħħew żmien wara u li, fil-verità, bidlu dak li oriġinarjament kellu f'moħħu l-iskultur. Mill-Akkademja Rjali Spanjola, Girada jidher li nħakem ukoll mill-influwenza tal-pittur Jose' Vergara, l-aktar fejn tidħol il-mudellatura tal-uċuħ u t-trattament tal-panneġġ li f'Girada huwa

mħaddem b'mod tassew sublimi. Fit-tifsila tal-uċuħ, Girada jidher li xorob ukoll mill-istil ta' Juan de Juanes, artist Rinaxximentali importanti Spanjol. Hu kien influwenzat ukoll mill-eleganza u l-klassiċiżmu ta' Jose' Puchol, skultur importanti fl-istess Akkademja Rjali ta' San Carlo. Iżda fuq kollox, fl-apprendistat tiegħu ta' skultur, Girada tgħallem jenfasizza s-sentiment, l-emozzjoni tal-figura, u l-azzjoni prinċipali tagħha mingħajr il-ħtieġa ta' dettall u ornament superfiċjali. Tipikament Valenzjan huwa, per eżempju, il-puttin li xi drabi nsibuh jakkompanja wħud mill-figuri maħdumin minn Girada. Lura Malta, l-iskultur jidher li niżżel miegħu minn Spanja għadd ta' disinji u inċiżjonjiet biex jgħinuh fil-kummissjonijiet artistiċi li kellu jidħol għalihom, u dan joħroġ ċar mhux biss mit-testment tiegħu iżda wkoll meta wieħed janalizza seww ix-xogħlijiet li ħarġu minn taħt idejh. Inżidu ngħidu wkoll illi kien matul il-qagħda tiegħu fi Spanja li l-iskultur Girada jidher li biddel ismu minn Maruzzo għal Mariano, isem li mhux biss kien komuni ġo Valenzja, iżda kien ukoll aktar faċli għall-Ispanjoli. Fil-fatt, l-isem ta' Mariano baqa' tant marbut mal-iskultur, illi fit-tradizzjoni popolari Maltija Girada huwa saħansitra magħruf bħala *Il-Marjani*.

## Imur Joqgħod f'Bormla

Mariano Girada jidher li wasal lura Malta minn Spanja f'Lulju tas-sena 1796, sentejn qabel il-waqa' tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Mal-wasla tiegħu huwa mar lura lejn raħal twelidu Ħal Tarxien, fejn kien għad hemm it-tieni mara ta' missieru Antonio, li mietet fl-1799. Wara mewtha huma ngabar f'Bormla fejn kien joqgħod ħuħ il-kbir Ġużeppi flimkien ma' martu u t-tlett uliedu. Iżda meta ġie nieqes ħuħ, fis-sena 1812, l-iskultur mar joqgħod f'dar oħra f'Bormla, għand ċertu pittur Giuseppe Barbara. Mariano Girada kien għażeb, u matul dawk is-snin, għal bqija ta' ħajtu huwa sab dejjem l-għajnuna kontinwa ta' neputiħ Antonio, iben ħuħ Ġużeppi, li tant kien qrib zijuh illi Girada mhux biss innominaħ bħala eżekutur testamentarju tiegħu, iżda ħallielu wkoll b'titolu ta' prelegat sehem sabiħ mill-wirt. Kien ukoll f'Bormla, nhar l-24 ta' Jannar 1823, wara marda kiefra ta' ftit xhur, li l-iskultur Mariano Girada radd ruħu lil Alla fl-età ta' wieħed u ħamsin sena u ħames xhur. Huwa ġie midfun fil-Knisja Parrokkjali ta' Bormla f'qabar mhux magħruf. It-testment tal-iskultur, magħmul quddiem in-nutar Giovanni Saverio Randon, kien sar tmint ijiem qabel il-mewt, fid-dar tal-marid, voldiri nhar il-15 ta' Jannar 1823. Minn dan it-testment nindunaw li Mariano Girada, għalkemm f'sensiħ, kien maħkum minn marda li ħallietu bla saħħa ġo sodda (*indisposto di corpo e giacente al letto*). X'kienet il-marda ma nafux, iżda jidher ċar li sa ftit xhur qabel Girada kien għadu attiv fuq xogħolu. Tant hu hekk li nhar it-30 ta' Ġunju 1822 huwa kien iffirma kuntratt biex fuq xewqa tal-benefattur Dun Ġużepp Spiteri miż-Żurrieq huwa jaħdem il-vara ta' San Ġużepp għall Knisja Parrokkjali ta' raħalna; xogħol li però huwa ma laħaqx lesta.

## Ħidmet l-Iskultur

Ir-riċerka li saret s'issa dwar Mariano Girada għadha ma identifikatx sewwa ħidmet dan l-iskultur fi Spanja, ħlief għal mezzo bust tal-Verġni Addolorata li Girada ħadem minn dak il-pajjiż għall-Knisja tat-Tereżjani f'Bormla. Għaldaqstant huwa lejn Malta li rridu nitfgħu ħarsitna biex nistudjaw ħidmet l-iskultur u niddeterminaw il-kontribuzzjoni u l-influwenza tiegħu fl-iżvilupp tat-tradizzjoni skultorja ta' pajjiżna. Ħidmet Mariano Girada f'Malta hija mifruxa fuq bosta xogħlijiet li wħud minnhom għad irid jiġu identifikati. Għalkemm dan l-iskultur huwa assoċjat l-aktar ma' numru ta' vari proċessjonali mill-aktar artistiċi imnaqqxa fl-injam, il-ħidma tiegħu hija mifruxa fuq monumenti, niċeċ u statwi stradali maħdumin fil-ġebla Maltija; għamara tal-knejjes inkluż gandlieri u statwetti; kif ukoll numru sabiħ ta' puleni tax-xwieni. Iżda l-preferenza tal-artist jidher li baqgħet dejjem marbuta mat-tinqix fil-ġebla Maltija. Fost ix-xogħlijiet fil-ġebla li ħarġu minn idejn Girada, u li nafu bihom s'issa, hemm l-istatwa stradali tal-Madonna tal-Grazzja fit-triq ewlenija ta' Ħaż-Żabbar; l-istatwa ta' Santa Katarina fil-misraħ taż-Żurrieq; żewġ statwi ta' Santu Rokku, f'Ħal Għaxaq u fiż-Żurrieq; l-Iljun u ż-Żiemel fil-funtani ta' ħdejn il-Kon-Kattidral ta' San Ġwann; xogħol ta' *alto riliev* fil-Knisja tal-Ispirtu s-Santu fiż-Żejtun; għadd ta' niċeċ stradali; u l-arma rjali fuq il-Bieb l-antik tax-Xatt tal-Belt (illum *Victoria Gate*). Il-vari proċessjonali, minquxin fl-injam, li għalihom jibqa' msemmi Mariano Girada huma dawk tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar (ca.1797), il-Madonna tar-Rużarju fis-Siġġiewi (1803-05), il-Kunċizzjoni fil-Bażilika tal-Isla (1804), Santa Katarina V.M. fiż-Żurrieq (1803-18), Santa Marija ta' Ħal Għaxaq (1807-10) u San Mikiel f'Bormla (1819). Ma' dawn l-opri tal-iskultur jissemmew ukoll il-pulena tax-xini tal-Ordni ta' San Ġwann is-*San Giovanni*, il-mezzo busti tal-*Ecce Homo* fil-Kolleġġjata tal-Għarb u fix-Xewkija, u l-fonti battezimali f'Bormla. Il-ħanut tax-xogħol ta' Mariano Girada f'Bormla, li minnu ħarġu ix-xogħlijiet tal-iskultur, kien wieħed ta' attività kbira. Kienet *bottega* artistika ewlenija li fiha tħarrġu alljievi li kellhom jagħmlu lkoll isem fl-arti skultorja ta' pajjiżna. Dawn kienu Pietru Pawl Azzopardi (1791-1875), li stilistikament huwa l-iktar wieħed qrib lejn l-imgħallem tiegħu, Xandru Farrugia (1791-1871), u Salvatore Psaila (1798-1871).

Fi dħul is-seklu dsatax, wara t-taqlib tal-Imblokk tal-Franċiżi, u fl-ewwel żmien tal-Ingliżi, l-arti f'pajjiżna kienet dominata mill-artisti Rokku Buhagiar, Gaetano Calleya, u Michele Busuttil, flimkien mal-iskulturi Giuseppe Casha, Sigismondo Dimech, Giuseppe u Cosimo Scolaro, u Francesco Fabri. Magħhom wieħed irid isemmi wkoll li *Scuola del Disegno* li kienet twaqqfet fl-Università ta' Malta, b'Giorgio Pullicino u Vincenzo Dimech fost l-għalliema tagħha. Dik il-ħabta, għalkemm l-influwenza tal-Barokk kienet għada tirrenja u tinħass sewwa f'pajjiżna, il-ġibda lejn

in-Neo-Klassiku kienet bdiet ukoll tixxettel u tifrex bil-mod l-għeruq tagħha. L-importanza ta' Mariano Girada fl-istorja artistika ta' Malta hija bażata fuq il-fatt li dan l-iskultur introduċa fostna stil differenti mill-idjoma tal-Barokk Ruman li l-Maltin tant kienu mdorrijin bih, u kien hu li daħħal l-elementi estetiċi Valenzjani b'interpretazzjoni partikulari li kienet tirrifletti l-prinċipji akkademiċi prevalenti barra minn xtutna. F'Girada tispikka l-abilità fil-mudellatura tal-figura, it-tifsil mill-aktar dixxiplinat tal-panneġġ bi kważi preċiżjoni matematika, u l-barma ħafifa f'bosta mill-vari u l-istatwi li ħarġu minn taħt idejh. Għalkemm f'xi xogħlijiet l-artist donnu joħloq kompromess bejn l-istil li kien jemmen fih u l-gosti konservattivi ta' wħud mill-klijenti tiegħu, huwa dejjem jirnexxielu jinqata' mill-prototipi stabbiliti u jasserixxi ruħu b'interpretazzjonijiet ġodda, b'influwenza kbira fuq artisti li kellhom jiġu warajh. Eżempju tipiku ta' dan huma l-vari tal-Madonna tar-Rużarju tas-Siġġiewi, li fiha Girada tbiegħed mill-prototip Barokk stabbillit minn Melchiorre Cafa' fil-Knisja ta' San Duminku r-Rabat; u l-istatwa ta' San Mikiel f'Bormla, li biha huwa nfatam mill-interpretazzjoni l-antika tal-iskultur Domenico Guidi li naraw f'San Pawl tal-Belt. L-istil tipikament Valenzjan ta' Mariano Girada jispikka fuq kollox fil-kummissjoni privata tal-vara tant sabiħa ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq, fejn il-poża, l-interpretazzjoni, u l-emozzjoni fil-ġesti, huma nterpretati għall-kollox skont il-prinċipji tal-iskola Valenzjana.

## Il-Vari Proċessjonali fil-Knejjes ta' Malta

Matul is-seklu sittax, fl-ewwel żmienijiet tal-ħakma tal-Kavallieri, il-purċissjonijiet f'Malta ma kienux isiru bl-istatwi, iżda l-qassis kien ikollu f'idejh salib ċkejken imżejjen bil-ħaġar prezzjuż li bih, fl-aħħar taċ-ċelebrazzjoni hu kien ibierek lill-fidili. Imbagħad, aktar tard, meta l-parroċċi bdew jakkwistaw relikwiji tal-qaddisin patruni, iċ-ċentru tal-purċissjoni tal-festa bdiet tkun ir-relikwija. Iżda tul is-sekli sbatax u tmintax bosta parroċċi bdew jintroduċu manikini mlibbsa (*imagenes a vestir*) bħala vari proċessjonali. L-uniċi elementi maħduma f'dawn il-figuri kienu ġeneralment ikunu biss ir-ras, u l-pali tal-idejn u r-riġlejn; mill-bqija dan il-manikin kien jitlibbes b'ilbies rikk u prestiġjuż maħdum minn satin, drappijiet imbrokkati, u orlaturi mdehba. Dan kien bla dubju ta' xejn stil influwenzat minn Spanja u li naturalment infirex fil-pajjiżi kollha li kienu b'xi mod jaqgħu taħt l-influwenza tagħha. Kien propju lejn tmiem is-seklu sbatax, u tul il-mixja tas-seklu tmintax li din id-drawwa bdiet titwarrab grazzi għall-influwenza tal-Barokk Taljan, u minflok il-manikini mlibbsa bdew jidhru l-istatwi polikromiċi minquxa fl-injam. Kien bis-saħħa ta' artisti bħal Melchiorre Cafa', Giuseppe u Antonio Fabri, Pietro Paolo Zahra, Pietro Felici, Ignazio Portelli, u Andrea Imbroll li l-użu ta' figuri proċessjonali minquxa fl-injam beda jsir dejjem aktar popolari, sakemm stabilixxa ruħu bħala r-regola f'Malta Barokka tas-seklu tmintax. Fit-terminoloġija tal-Knisja il-kelma li tintuża għall-vara hija *simulacrum*, kelma Latina li tfisser xbieha, immaġni, rappreżentazzjoni, jew xebħ fl-assenza ta' xi ħadd sagru jew qaddis. Tfisser ukoll id-dehra riflessa fil-mera' jew trasmessa fil-ħolm; ilkoll kunċetti li jipproġettaw u jqarrbuna lejn il-personalità, il-qawwa sopranaturali, u l-interċessjoni tal-qaddis. Mela meta nitkellmu minn xbiehat mirakolużi inkunu qed infissru figuri dinamiċi li jservu ta' pont materjali bejna l-bnedmin u r-realtà spiritwali li tħarisna u tidħol għalina.

Fiż-Żurrieq, il-purċissjoni nhar il-festa ta' Santa Katarina jidher li ġiet introdotta mal-mixja taż-żmien. Fit-tieni nofs tas-seklu sittax, żmien l-Isqof Tommaso Gargallo, fil-festa tal-Qaddisa nhar il-25 ta' Novembru, kienu jsiru biss il-primi u s-sekondi vespri flimkien mal-quddiesa tal-festa. Meta daħlet il-purċissjoni ma nafux, iżda dan seta' sar meta l-Knisja taż-Żurrieq akkwistat l-ewwel relikwija tal-Qaddisa Patruna, voldiri fl-1724. Għal dik is-sena il-prokuraturi tal-Knisja kienu mhux biss ħasbu għal ostensorju sabiħ tal-fidda xogħol l-arġentier Francesco Protopsalli iżda stiednu wkoll lill-Inkwiżitur Mons Antonio Ruffo għall-festa. Madwar għoxrin sena wara, l-istess Knisja taż-Żurrieq akkwistat minn Ruma t-tieni relikwija ta' Santa Katarina, bis-siġill tal-Arċisqof Mons Filippo Spada, u l-approvazzjoni tal-Isqof ta' Malta Mons Alpheran bid-data tat-3 ta' Frar 1747. Propju s-sena ta' wara, 1748, fil-kontijiet tal-festa jitfaċċaw għall-ewwel darba il-ħlasijiet lid-daqqaqa tal-fifra u żewġ tnabar li dari kienu jimxu qabel il-purċissjoni biex iħabbru li din tkun riesqa. Mela ma nkunux niżbaljaw jekk ngħidu illi l-purċissjoni fil-festa ta' Santa Katarina fiż-Żurrieq ġiet aktarx introdotta fiż-żmien meta l-Knisja tar-raħal kienet kisbet xi waħda miż-żewġ relikwiji tal-Qaddisa Lixandrina. Mill-banda l-oħra, fis-sena 1692, f'testment li kien għamel il-benefattur Domenico Camilleri, dan kien ħalla xi flus "... għall-ispejjeż tal-istatwa ta' Santa Katarina li bil-għajnuna t'Alla dalwaqt tinħadem għal din il-parroċċa..." (*fabricationis statuae...construenda in hac parrochia...*). X'sar minn dan il-proġett, u x'tip sewwa ta' statwa kellhom f'moħħhom ma nafux. L-anqas ma hu ċert jekk din kellhiex tkun statwa fuq barra jew inkella vara proċessjonali, għalkemm il-fatt li l-kummissjoni tagħha kienet ġejja min-naħa tal-Knisja donnu jxaqleb aktar lejn din tal-aħħar. Ix-xewqa taż-Żrieraq li jkollhom statwa proċessjonali ma kellhiex għalhekk isseħħ qabel bosta snin wara, fis-seklu dsatax, meta Mariano Girada ħoloq waħda mill-isbaħ xogħlijiet li ħarġu minn taħt idejh.

## Mariano Girada u Raħalna

Ix-xogħlijiet tal-iskultur Mariano Girada fiż-Żurrieq, li nafu bihom s'issa, huma l-ewwel nett l-istatwi tal-ġebel ta' Santu Rokku u San Pawl, kummissjonati privatament biex jitqegħdu fuq pedistalli fuq iz-zuntier tal-Knisja bħala radd il-ħajr wara l-pesta tal-1813. Tal-istess epoka hija l-istatwa tal-ġebel fil-pjazza tar-raħal, oriġinarjament imwaqqfa fuq pedestall biswit il-bieb tal-ġenb

tal-knisja. Din ukoll kienet ġiet kommissjonata minn persuna privata. Qrib ħafna ta' Girada hija l-istatwa ta' Santu Rokku li hemm meqjuma f'niċċa fit-trejqa (dari sqaq) li tniffed Triq Santa Katarina mal-wesgħa ta' quddiem il-Knisja Arċipretali. Statwa oħra stradali ta' Santa Katarina, attribwita lil Girada, kienet darba tinsab fuq bejt ta' dar b'sular wieħed tħares għall fuq Misraħ San Ġorġ fin-Nigret, u din aktarx kienet timmarka l-ewwel waqfa tal-vara ta' Santa Katarina meta din tniżżlet għall-ewwel darba minn Nigret mitejn sena ilu. Lil Girada wkoll huma attribwiti s-sett gandlieri minquxa fl-injam li jintramaw madwar il-vara fil-jiem tal-festa. Fl-aħħar nett l-iskultur kellu jaħdem ukoll il-vara proċessjonali ta' San Ġużepp, kummissjonata mill-benefattur Dun Ġużepp Spiteri, imma dan ma kellux iseħħ minħabba l-mewt tal-artist, u l-istatwa nħadmet minflok mill-iskultur Vincenzo Dimech.

Iżda l-aqwa xogħol ta' Mariano Girada f'raħalna hija bla ebda dubju l-vara titulari ta' Santa Katarina V.M., kummissjonata fl-1803 u li waslet f'raħalna fl-1818. Din turi l-figura wieqfa w'eleganti ta' tfajla żgħażugħa, bil-piż mitfugħ fuq ir-riġel lemini, u bir-riġel l-ieħor maqlugħ kemm kemm il-barra. Id-driegħ tax-xellug huwa estiż 'l isfel iżomm fergħa żnella u stilizzata tal-palm, f'linja dijagonali li tibqa' nieżla tul ir-riġel xellugi tal-figura. Wiċċ il-Qaddisa huwa mitfugħ lejn ix-xellug u fl-istess ħin merfugħ kemm kemm lejn is-sema, filwaqt li bħala bilanċ għall-kurvatura ħafifa serpentinali tal-figura, id-driegħ lemini merfugħ 'l fuq huwa miksur mill-minkeb għal fuq is-sider, b'enfasi ta' ġest li jiġbor fih is-sentiment kollu tal-figura. L-element tal-id fuq is-sider kien diġà ġie mħaddem minn Girada fiż-żewġ rappreżentazzjonijiet tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar. Insibuh użat ukoll minn artisti bħal Pietro Felici fil-vara ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, u jitfaċċa wkoll f'xogħlijiet Spanjoli li Girada żgur kellu konoxxenza tagħhom. Il-ħila kbira tal-iskultur fil-kompożizzjoni bilanċjata tal-vara ta' Santa Katarina hija riflessa fuq kollox fit-trattament sublimi tal-panneġġ. Dan il-panneġġ jinkludi ġakkettina 'Valenzjana', bil-kmiem mibrumin fuq il-minkeb, u miżmuma taħt is-sider minn ċinturin ornat u wiesgħa; dublett sa fuq il-pali tar-riġlejn, miġbur fuq il-qadd tal-lemin minn fejn jintelaq 'l isfel f'tiwjiet trijangolari tipiċi tax-xogħlijiet ta' Girada; u mant irjali li minn fuq id-driegħ lemini u l-ispalla jinżel fuq dahar il-figura f'linja dijagonali għal fuq ir-rota simbolika tal-martirju. Dan il-panneġġ, bil-pjiegi u t-tiwjiet armonjużi tiegħu huwa tassew xhieda tal-ħila kbira tal-iskultur fit-trattament tal-mudellatura. Ir-ras tal-Qaddisa għandha x-xagħar mitfugħ lura, miżmum f'postu b'żagarella marbuta ċoff, u miġbur f'qaqgħa fuq wara. Oriġinarjament ras il-figura kif ħolomha l-iskultur ma jidhirx li kienet imżejjna b'kuruna rjali. L-ewwel kuruna jidher li nħadmet fl-1834, u għalhekk ir-ras tal-vara kienet aktarx imżejjna biss b'dijadema sempliċi tipika tal-figuri tal-qaddisin.

Hawnhekk nixtieq nagħmel ukoll xi riflessjonijiet dwar il-kummissjoni ta' din l-opra u d-dewmien ta' ħmistax il-sena sakemm daħlet fit-tempju tagħha taż-Żurrieq. Nibdew biex ngħidu illi fil-kuntratt ta' din il-kummissjoni li sar fiż-Żurrieq quddiem in-Nutar Pietru Pawl Farrugia nhar is-26 ta' Ġunju 1803, l-ewwel ma jolqtok huwa l-prezz tassew qawwi ta' 700 skud li talabhom l-iskultur. Dan il-prezz jidher li kien limitat biss għall-figura tal-Qaddisa, għax fil-kuntratt l-iskultur ma ntrabatx li jaħdmilhom la l-pedistall, u l-inqas il-predella bil-bsaten kif insibu f'kuntratti ta' kummissjonijiet simili. L-ewwel pedistall li kellha l-vara jidher li nħadem fl-1845 fis-sena li fiha l-vara sabet post permanenti fin-niċċa tal-fonti batteżimali l-antik fuq il-lemin tad-daħla tal-Knisja. Għaldaqstant, wara li nġiebet l-ewwel darba fiż-Żurrieq din il-vara aktarx kienet intrabtet permezz ta' boldijjiet ma' predella ċatta stil Spanjol u li fuqha setgħet tinġarr permezz tal-bsaten. Dan kollu huwa msaħħaħ mill-fatt illi fl-1818, meta nġiebet l-ewwel darba, il-vara ddaħħlet mingħajr diffikulta' fil-Knisja tal-Kunċizzjoni tan-Nigret biex minn hemm, wara ftit granet, ittieħdet proċessjonalment lejn il-Knisja Parrokkjali f'ċerimonja li kienet tinkorpora wkoll it-translazzjoni tar-relikwija.

Il-prezz qawwi ta' 700 skud li talabhom Mariano Girada għal din il-vara jikkuntrasta ħafna mal-550 skud li l-istess skultur kien talab għall-vara tal-Madonna tar-Rużarju tas-Siġġiewi, fi ftehim li kien sar tlett ijiem biss wara dak taż-Żurrieq, u kien jinkludi wkoll il-pedestall indorat u l-bsaten biex tintrefa' l-pedella. U fil-kuntratt għall-vara ta' San Ġużepp għall-Knisja taż-Żurrieq (1822), il-prezz mitub minn Girada kien ta' 500 skud, li kienu jkopru l-iskultura, l-pittura, u l-indoratura tal-figura, il-pedestall, u l-predella bil-bsaten. L-uniku prezz mitlub mill-iskultur li huwa simili għal dak mitlub għal vara ta' Santa Katarina huwa dak li Girada talab għall-vara ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq (1807-10) li minbarra t-tirqim tal-figura kien però jinkludi wkoll il-pedistall u l-predella bil-bsaten. Kollox ma' kollox xorta jibqa' l-fatt li l-prezzijiet tax-xogħol ta' Mariano Girada kienu dejjem ogħla minn dawk ta' artisti oħra. Hekk per eżempju l-vara ta' San Ġorġ ta' Pietru Pawl Azzopardi għal Għawdex (1838-39) kienet swiet 400 skud; u daqs tant ukoll ġiet tiswa' l-vara tal-Madonna tal-Karmnu (1841-42) maħduma għall-Knisja taż-Żurrieq minn Salvatore Psaila. Vara oħra ta' Psaila, voldiri l-Kunċizzjoni tar-Rabat, Għawdex (1837-47), kienet swiet 350 skud; għalkemm għal Santa Liena ta' Birkirkara (1833-37) dan l-artist kien talab 600 skud. Tal-istess epoka hija l-vara ta' Santa Marija tal-Imqabba (1835-36), xogħol Xandru Farrugia, u li swiet kemm kemm iktar minn 300 skud.

Waħda mill-problemi tal-kuntratt notarili għall-vara ta' Santa Katarina taż-Żurrieq huwa n-nuqqas ta' speċifikazzjonijiet imposti fuq l-iskultur. Apparti l-fatt li l-vara kellha titlesta fi żmien sittax il-xahar, voldiri għall-festa tal-1804, l-enfasi tal-ftehim huwa dirett l-aktar lejn kif kellu jitħallas l-artist. L-għoli tal-vara, biex biha jistgħu jsiru l-purċissjonijiet, huwa msemmi darbtejn. Tissemma'

wkoll il-kwalità tal-injam (arżnu) u l-obbligu ġeneriku li Girada " jiskolpi l-figura, jinduraha, u jorqomha minn kollox kif titlob l-arti…". X'kienu eżattament ir-raġunijiet wara d-dewmien biex tlestiet il-vara ta' Santa Katarina ma nafux fiċ-ċert. Li nistgħu ngħidu huwa li Girada x'aktarx kien jieħu x-xogħol bil-mod, hekk li per eżempju, il-vara tar-Rużarju għas-Siġġiewi, li kellha tkun lesta f'Settembru tal-1803, ma waslitx f'dik il-parroċċa qabel Ottubru ta' sentejn wara. Iżda fil-każ taż-Żurrieq id-dewmien bejn kummissjoni u kunsinja kien tassew wieħed esaġerat!

F'dan il-kuntest tajjeb li nanalizzaw ukoll kif saru l-pagamenti lil iskultur. Skont il-kuntratt tal-1803 is-somma miftehma ta' 700 skud kellha tinqasam f'erba' pagamenti u cioe' kwart tas-somma (175 skud) kellha titħallas fi ftit inqas minn xahrejn voldiri nhar Santa Marija tal-1803; it-tieni kwart (175 skud) meta titlesta parti mill-iskultura; it-tielet kwart (175 skud) meta tintemm l-iskultura kollha tal-vara; u l-aħħar pagament (175 skud) meta x-xogħol ikun lest minn kollox. Iżda skont il-kotba tal-prokura tal-Knisja, l-ewwel pagament lill-iskultur sar fi Frar tal-1804, u kien jikkonsisti f'200 skud miġbura prinċipalment minn għotjiet ta' individwi u xi qassisin. It-tieni pagament lil Girada sar sentejn u nofs wara, f'Awwissu tal-1806 u kien jikkonsisti f'somma ta' 60 skud. Sa dak in-nhar, b'260 skud f'idejh, l-iskultur suppost kien taħt obbligu kontrattwali li jibda x-xogħol. X'ġara eżatt ma nafux. Kien biss taħt il-Kappillan il-ġdid taż-Żurrieq Dun Carlo de Giovanni Inglott u l-prokuraturi ta' żmienu li l-affarijiet bdew jiċċaqalqu. Il-fatt li f'April tal-1818 kienu huma li bl-avukat Mattio Cachia ħarrku lill-iskultur fil-Qorti tal-Isqof donnu juri li t-tort ma kienx għal kollox tagħhom, għalkemm l-anqas ma jista' wieħed jeskludi l-possibilta' ta' problemi fuq livell finanzjarju. Il-fatt hu illi, f'April stess ta' dik is-sena, kien intlaħaq ftehim bonarju mal-iskultur, hekk li f'Novembru 1818 il-prokuratur Dun Franġisk Bonnici għadda lil Girada is-somma ta' 340 skud fuq żewġ pagamenti, miġburin minn għotjiet ta' bosta benefatturi devoti ta' Santa Katarina u minn ġabra li saret mat-toroq tar-raħal. B'hekk, sa ma saret il-konsenja tal-vara, l-iskultur kien irċieva 600 skud. L-aħħar bilanċ jidher li tħallas f'April tal-1823, u dan sar lil Antonio Girada neputi tal-iskultur peress li dan tal-aħħar kien ħalla din id-dinja tliet xhur qabel. Punt interessanti huwa illi meta fl-1822 l-istess Kappillan de Giovanni għamel kuntratt ma' Mariano Girada għal vara ta' San Ġużepp f'isem il-benefattur Dun Ġużepp Spiteri, tniżżlu kundizzjonijiet speċifiċi biex jevitaw dak li kien ġara fil-kummissjoni tal-vara titulari. Hekk per eżempju, l-ewwel kundizzjoni fil-kuntratt tal-vara ta' San Ġużepp kienet waħda ta' insistenza biex ikun rispettat it-terminu ta' tmin xhur li fih kellha titlesta l-vara; u dan it-terminu ġie garantit b'penali ta' tnaqqis ta' 50 skud ma' kull sitt xhur li jiskadu fuq id-data miftehma għall-konsenja tal-vara! Din tista' tkun indikazzjoni oħra li turi li r-raġuni tad-dewmien fil-każ tal-vara titulari ta' Santa Katarina mhux bilfors kien marbut ma xi nuqqas fil-pagamenti dovuti lill-artist, iżda aktarx kien hemm raġunijiet oħra li għalihom kien resposabbli l-iskultur. Kienu x'kienu dawn ir-raġunijiet, jibqa' biss il-fatt li l-vara ta' Santa Katarina li Mariano Girada ħadem għaż-Żrieraq kienet opra mill-aktar artistika, fost l-isbaħ li ħarġu minn taħt idejh, u li tassew jistħoqqilha l-isem ta' kapulavur tal-Marjani.

## Mitejn Sena Ilu

Din is-sena, f'għeluq il-mitejn sena minn mindu x-xbieha tal-Patruna Maħbuba tagħna daħlet għall-ewwel darba fit-tempju li bnewlha ż-Żrieraq, huwa xieraq li nerġgħu infakkru din il-ġrajja permezz tar-rakkont sabiħ li ħallilna l-Kappillan Dun Carlo de Giovanni meta ddeskriva x'ġara fiż-Żurrieq lejlet il-festa titulari nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 1818:

*"Lejlet il-festa, nhar l-24 ta' Novembru tal-1818, qabel l-Għasar, fi żmien li Dun Carlo de Giovanni Inglott kien kappillan ta' dan ir-raħal u wara li [l-vara] l-ġdida kienet esposta fil-kappella tan-Nigret minn xi ġranet qabel, bdiet ħierġa l-purċissjoni mill-Knisja Parrokkjali, bil-parteċipazzjoni tal-fratellanzi u l-kleru kollu, u b'erba' qassisin lebsin il-kapep. Hekk kif il-purċissjoni waslet fil-kappella msemmija, ġiet kantata bil-mużika l-antifona ' Veni Sponsa Christi ' [Ejja O Għarusa ta' Kristu], u sadattant il-Kappillan li kien qed imexxi l-funzjoni bierek il-vara u ħabbar l-indulġenza ta' erbgħin jum, wara li kien inċensa r-relikwija meqjuma fuq l-altar, u warajha [inċensa wkoll] il-vara. Il-purċissjoni imbagħad marret lura matul l-istess triq, bl-istatwa merfugħa fuq l-ispallejn mill-fratelli ta' Santu Rokku li messhom dan il-privileġġ bix-xorti. Matul it-triq, il-vara ġiet imwaqqfa darbtejn, kull darba titkanta l-antifona, u twaqqfet għall-aħħar darba taħt l-ark trijonfali li kien imqiegħed fi Piazza Maggiore. Meta mbagħad il-purċissjoni daħlet fil-knisja, il-vara twaqqfet fin-nofs, ir-relikwija tpoġġiet fuq l-altar u, wara li l-Kappillan niseġ kelmtejn ta' merħba lill-vara, ingħata bidu għall-għasar bil-mużika."*

Illum, mitejn sena wara din il-ġrajja, aħna wkoll, xejn inqas minn missierijietna, ninġabru ferħana madwar ix-xbieha għażiża tal-Patruna tagħna, u nitolbuha tħarisna, biex il-ġmiel materjali tax-xbiha rżina tagħha fostna għad darba ngawduh fir-realtà tal-glorja kollha tiegħu. Jalla Santa Katarina tibqa' ssaltan fil-qlub tagħna ż-Żrieraq u tħares dan ir-raħal li sa mill-ibgħad żmienijiet għażilha bħala patruna u difensura tiegħu.

